

Brussell, 9 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15272/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0386(NLE)**

---

**ELARG 80**

## **PROPOSTA**

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 681 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE — Albanija li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 681 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 681 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.11.2023  
COM(2023) 681 final

2023/0386 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE — Albanija li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-awtoritajiet Albaniżi esprimew l-interess tagħhom li jwaqqfu żewġ Kumitati Konsultattivi Konġunti mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea huma favur li jiġi pprovdut qafas istituzzjonali għad-djalogu politiku mal-Albanija fil-kuntest tal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

L-għan tal-Kumitati Konsultattivi Konġunti jkun li jorganizzaw djalogu u kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali tagħhom u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Fl-isfond tal-bidu reċenti tan-negożjati tal-adeżjoni mal-Albanija, l-intensifikazzjoni tad-djalogu politiku fil-kuntest tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni se tkun ta' benefiċċju għall-progress tal-Albanija fit-triq tal-integrazzjoni Ewropea tagħha, b'mod partikolari permezz tat-tiżi tar-relazzjonijiet fost il-partijiet interessati fil-livell reġjonali u lokali kif ukoll l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja:

Il-Kummissjoni Ewropea tiddefendi l-multilateraliżmu u ordni globali bbażat fuq ir-regoli permezz ta' rwol aktar attiv u vuċi aktar b'saħħitha għall-UE fid-dinja. Tmexxija Ewropea tfisser ukoll ħidma mill-qrib ma' pajjiżi ġirien, l-introduzzjoni ta' strateġija komprensiva dwar l-Afrika u l-affermazzjoni mill-ġdid tal-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Il-Kummissjoni tfittex approċċ ikkoordinat għall-azzjoni esterna - minn għajnuna għall-iżvilupp għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni - li jiżgura vuċi aktar b'saħħitha u aktar magħquda għall-Ewropa fid-dinja.

### 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Minbarra l-Albanija u l-Istati Membri kollha, l-UE hija wkoll parti mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) mal-Albanija. Il-konklużjoni tal-FSA ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea mill-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/332/KE. Wara Lisbona, il-bażijiet legali għall-istabbiliment ta' Pożizzjoni tal-Unjoni dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija biex jiġu stabbiliti kumitati speċjali oħra (l-Artikoli 116, 117 (2), 120(4) FSA) huma l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija rispettivament. Għalhekk, hija meħtieġa deċiżjoni tal-Kunsill.

Wara li kkunsidra:

- It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 217, 218 u l-paragrafu 9 tiegħu.
- L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-26 ta’ Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija (minn hawn ’il quddiem “l-Albanija”) min-naħa l-oħra

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Rigward id-dimensjoni Ewropea tal-proposta, il-Kummissjoni Ewropea reċentement adottat komunikazzjoni (COM (2023) 40 final) li tiffoka fuq it-tishiġ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea. Din tissottolinja li l-oġettivi ewlenin tal-UE huma li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol filwaqt li d-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv huma modi fundamentali biex dan isir, jikkontribwixxu għal produttività ogħla filwaqt li jiżguraw ukoll il-ġustizzja soċjali, ambjent tax-xogħol ta’ kwalità u demokrazija fuq il-post tax-xogħol. Il-Kumitati Konsultattivi Konġunti proposti huma maħsuba li jikkostitwixxu fora għal djalogu u kooperazzjoni bejn is-sħab soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea u fl-Albanija, li jistgħu jagħtu kontribuzzjoni kbira għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħhom u tal-integrazzjoni tal-Ewropa.

Fir-rigward tal-ħtieġa tal-Kumitati Konsultattivi Konġunti huwa previst li fi ħdan il-qafas tal-UE dan id-djalogu u l-kooperazzjoni se jippreparaw għal ħidma futura mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni tal-Unjoni Ewropea u għas-sħubija Albanija fl-Unjoni Ewropea; jiffaċilitaw l-iskambju ta’ informazzjoni dwar kwistjonijiet kurrenti ta’ interess reċiproku, partikolarment aġġornamenti tal-qagħda attwali fir-rigward tal-politika ekonomika, soċjali u reġjonali tal-UE u l-proċess ta’ adeżjoni; jinkoraġġixxu l-iskambu ta’ informazzjoni bħala implimentazzjoni Prattika tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fl-aspetti kollha tal-ħajja fil-livell reġjonali u lokali; jiddiskutu kull kwistjoni rilevanti oħra proposta minn kull naħa, hekk kif jistgħu jinqalgħu fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fil-qafas tal-Istrateġija ta’ Qabel l-Adeżjoni.

Fl-aħħar nett, il-valur miżjud tal-Kumitati Konsultattivi Konġunti jingħata mill-fatt li anke l-Kunsill ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista’ jikkonsulta lill-Kumitati Konsultattivi Konġunti proposti qabel ma jieħu deċiżjonijiet f’oqsma rilevanti. Madanakollu, il-konsultazzjoni mal-kumitati se tibqa’ fid-diskrezzjoni tal-Kunsill ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-prinċipju tal-proporzjonalità huwa stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Hija tfittex li tistabbilixxi azzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea f’limiti speċifikati.

L-għan ewlieni tal-JCCs huwa li jimmonitorjaw it-triq tal-Albanija lejn l-UE, u li jadottaw rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-gvern tal-Albanija u l-istituzzjonijiet tal-UE. Ir-rwol tal-JCCs huwa wkoll li jippermettu lir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Albaniżi jsiru familjari mal-proċess ta’ konsultazzjoni fl-UE, kif ukoll li jippermettu lir-rappreżentanti tal-UE jiffamiljarizzaw ruħhom mal-istrutturi soċjali u l-impatt ekonomiku u soċjali tar-riformi fl-Albanija. Il-JCCs jiddiskutu firxa wiesgħa ta’ suġġetti (mhux eżawrjenti), inkluża l-kooperazzjoni bejn l-Albanija u l-UE f’oqsma differenti bħall-migrazzjoni, l-enerġija, l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u t-taħriġ vokazzjonali.

Fl-isfond tal-bidu reċenti tan-negozjati tal-adeżjoni mal-Albanija, l-intensifikazzjoni tad-djalogu politiku fil-kuntest tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni se tkun ta' benefiċċju għall-progress tal-Albanija fit-triq tal-integrazzjoni Ewropea tagħha, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet fost il-partijiet interessati fil-livell reġjonali u lokali kif ukoll is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili.

Filwaqt li l-JCCs jikkomplementaw b'perspettiva tas-soċjetà ċivili l-qafas istituzzjonali tal-UE relatat mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Albanija, il-pajjiż jitħalla bil-kamp ta' applikazzjoni meħtieġ biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet fil-livell nazzjonali. Dawn l-istituzzjonijiet konġunti jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ naħat jimmonitorjaw in-negozjati tal-adeżjoni tal-pajjiż. Hija wkoll pjattaforma biex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni u biex il-pubbliku inġenerali jiġi infurmat dwar l-isfidi li ġejjin matul il-perjodu tal-adeżjoni

- **Għażla tal-istrument**

Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jipprovdi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti korpi konġunti biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiż assoċjat. It-twaqqif ta' Kumitati Konsultattivi Konġunti mal-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa prattika stabbilita sew taħt il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, diġà hemm diversi eżempji pożittivi fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent.

Minbarra l-Albanija u l-Istati Membri kollha, l-UE hija parti mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) mal-Albanija. Il-konklużjoni tal-FSA ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea mill-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/332/KE. Wara Lisbona l-bażi legali għall-istabbiliment ta' Pożizzjoni tal-Unjoni dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija biex jiġu stabbiliti kumitati speċjali oħra (l-Artikoli 116, 117(2), 120(4) SAA) huwa l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, hija meħtieġa deċiżjoni tal-Kunsill.

L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ma teħtieġx li jiġu ffaċilitati miżuri ta' appoġġ, peress li l-uniku artikolu u l-anness jistabbilixxu l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fir-rigward tal-emendi tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu biex jitwaqqfu l-Kumitati Konsultattivi Konġunti

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli għax:

Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jipprovdi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti korpi konġunti biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiż assoċjat. It-twaqqif ta' Kumitati Konsultattivi Konġunti mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa prattika stabbilita sew taħt il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, diġà hemm diversi eżempji pożittivi fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli għax:

L-emenda tikkonċerna r-Regoli ta' Proċedura ta' Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mingħajr ma toħloq spejjeż żejda iżda ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiż li qed jinnegozja

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT**

It-twaqqif tal-Kumitati Konsultattivi Konġunti proposti ma għandu l-ebda impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE għaliex il-parteċipanti Albaniżi huma responsabbli mill-ispejjeż tagħhom filwaqt li l-ispejjeż tal-Istituzzjonijiet Ewropej huma koperti mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

It-test tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kif previst fl-Artikolu 2 (1) tad-deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni msemmi hawn fuq, jinsab meħmuż hawnhekk.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE — Albanija li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 217 u 218, paragrafu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Albanija (minn issa 'l quddiem "l-Albanija"), fuq in-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 2, paragrafu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Albanija li sar fid-19 ta' Lulju 2022,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 116 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jistabilixxi Kunsill ta' l-Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
- (2) L-Artikolu 117(2) ta' dan il-Ftehim jipprovdi li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (3) L-Artikolu 120 (4) tal-imsemmi Ftehim jipprovdi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jwaqqaf kwalunkwe kumitat jew korp speċjali li jista' jassistih fit-twettiq tad-dmirijiet; L-istess dispożizzjoni tal-imsemmi Ftehim tipprevedi wkoll li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirijiet ta' tali kumitati jew korpi u kif għandhom jiffunzjonaw,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Artikolu 116 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tat-twaqqif tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Konsultattiv Konġunt mal-Kumitat tar-Regġuni tal-Unjoni Ewropea u l-emendar tar-regoli ta' proċedura tal-imsemmi Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif previst fl-Artikolu 120 (4) tal-imsemmi Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, anness ma' din id-Deċiżjoni. Emendi minuri għal dan l-abbozz ta' deċiżjoni jistgħu jintlaqgħu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*